Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** GEORGE ABELA
President

15 ta' Ġunju, 2010

**ATT Nru. VI tal-2010**

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Probation, Kap. 446.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2010 biex jemenda l-Att dwar il-*Probation*, u dan l-Att għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-*Probation*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Kap. 446

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

**2.** L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

(a) minnufih qabel it-tifsira ta' "dikjarata ħatja ta' reat", għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità kompetenti ta' Malta mwaqqfa taħt l-artikolu 26;

"Deċiżjoni Qafas" tfisser Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta’ Novembru 2008 kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI tas-26 ta Frar 2009, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku ta’ sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu *probation* bil-ħsieb ta’ sorveljanza ta’ miżuri ta’ *probation* u ta’ sanzjonijiet alternattivi;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira ta’ "sanzjoni komunitarja" għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Stat emittenti" tfisser dak l-Istat Membru minn fejn tingħata s-sentenza;

"Stat ta’ eżekuzzjoni" tfisser dak l-Istat Membru fejn sanzjonijiet komunitarji jiġu sorveljati, wara deċiżjoni skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta’ Novembru 2008 kif emendata mid-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI tas-26 ta Frar 2009;".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

**3.** Il-paragrafu (h) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"(h) jassenja l-uffiċjali tal-*probation* lil min ikun taħt *probation*, taħt ordni proviżorja ta’ superviżjoni u sabiex jippreparaw rapporti ta’ qabel is-sentenza skont dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

**4.** L-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-ewwel proviso għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll meta ordni ta’ *probation* li kienet magħmula, tkun għal perjodu ta’ inqas minn sena, dik l-ordni għandha titqies bħala ordni għal sena.";

(b) fl-aħħar proviso tas-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "b’dana iżda" għandha tiżdied il-kelma "wkoll"; u

(ċ) fis-subartikolu (8) tiegħu, minflok il-kliem "Il-qorti li tagħmel l-ordni ta’ *probation* għandha minnufih tagħti kopja ta’ l-ordni lil min ikun taħt *probation*, lid-Direttur" għandu jiġi sostitwit il-kliem "Il-Qorti li tagħmel l-ordni ta’ *probation* għandha tordna li minnufih jingħataw kopji tal-ordni lil min ikun taħt *probation*, u lid-Direttur".

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

**5.** L-artikolu 11 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "jew aktar minn mitejn u erbgħin siegħa" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "jew aktar minn erba’ mija u tmenin siegħa"; u

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "jkun adatt li jagħmel xogħol taħt dik l-ordni;" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "jkun adatt li jagħmel xogħol taħt dik l-ordni:"; u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta l-qorti tkun hekk sodisfatta, tista’ wara li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi tal-ħati, tneħħi l-ħtieġa ta’ rapport ta’ qabel is-sentenza bil-miktub u tordna illi jkun sottomess rapport verbali, u dak ir-rapport verbali għandu jkun debitament reġistrat fil-proċedimenti tal-qorti.".

**6.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "ta’ mhux inqas minn tliet xhur u mhux aktar minn sena" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "ta’ mhux inqas minn xahar u mhux aktar minn sentejn".

Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

**7.** Minnufih wara l-artikolu 20 tal-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

Żjieda ta’ artikolu ġdid 20A fl-Att prinċipali.

"Sanzjoni komunitarja.

20A. Meta toħroġ sanzjoni komunitarja, il-Qorti tista’ timponi limitazzjonijiet, fil-konfront tal-ħati, rigward it-tluq tiegħu minn Malta kif il-Qorti tista’ tqis xieraq.".

**8.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

Emenda tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

"(1) Jekk f’xi waqt matul il-perjodu ta’ *probation* il-Qorti Kriminali tkun tal-fehma li min ikun taħt *probation* ikun naqas li jħares xi waħda mill-ħtiġiet tal-ordni, il-qorti tista’ toħroġ taħrika li fiha titlob lil min ikun taħt *probation* biex jidher quddiem dik il-qorti fil-post u l-ħin hemm speċifikati, jew tista’, jekk iċ-ċirkostanzi jkunu hekk jeħtieġu, toħroġ mandat għall-arrest ta’ min ikun taħt *probation*:

Iżda ħlief meta n-nuqqas allegat jinġieb għall-attenzjoni tal-qorti permezz ta’ rikors mill-uffiċjal tal-*probation*, m’għandhom jinħarġu ebda tali taħrika jew mandat mill-Qorti Kriminali jew mill-Qorti tal-Minorenni, ħlief meta tingħata informazzjoni bil-miktub u li tkun konfermata b'ġurament. F’kull każ l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata fi żmien tliet xhur minn nuqqas allegat minn min ikun taħt *probation*:

Iżda wkoll il-Qorti għandha tappunta għas-smigħ ir-rikors fi żmien għoxrin ġurnata mill-preżentata tal-imsemmi rikors.".

Enumerazzjoni mill-ġdid tal-artikoli 26, 27, u 28 tal-Att prinċipali.

**9.** L-artikoli 26, 27 u 28 tal-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 35, 36 u 37, rispettivament.

Żjieda ta' artikoli ġodda 26 sa 34 mal-Att prinċipali.

**10.** Minnufih wara l-artikolu 25 tal-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Ħatra ta' awtorità kompetenti skont id-Deċiżjoni Qafas.

26. B'ordni tal-Ministru għandha titwaqqaf awtorità kompetenti, li l-funzjonijiet tagħha ikunu li tieħu d-deċiżjonijiet rigward sanzjonijiet komunitarji, partikolarment f'każijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' konformità mas-sanzjonijiet komunitarji jew jekk il-persuna sentenzjata tikkommetti reat kriminali ġdid, skont l-artikolu 31(1), fejn Malta tkun jew l-Istat emittenti jew l-Istat ta' eżekuzzjoni għall-finijiet ta' rikonoxximent reċiproku ta' sanzjonijiet komunitarji bejn l-Istati Membri.

Tipi ta' miżuri ta' sanzjonijiet komunitarji.

27. (1) Skont id-Deċiżjoni Qafas, is-sanzjonijiet komunitarji li ġejjin għandhom ikunu regolati mill-awtorità kompetenti:

(a) obbligu li l-persuna sentenzjata tinforma lil awtorità speċifika dwar kwalunkwe bidla ta' residenza jew post tax-xogħol;

(b) obbligu li ma tidħolx f'ċerti lokalitajiet, postijiet jew żoni definiti fl-Istat emittenti jew ta' eżekuzzjoni;

(ċ) obbligu li jkun fih limitazzjonijiet dwar it-tluq mit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni;

(d) istruzzjonijiet marbuta ma' imgiba, residenza, edukazzjoni u taħriġ, attivitajiet ta' divertiment, jew li jkun fihom limitazzjonijiet dwar jew modalitajiet ta' twettiq ta' attività professjonali;

(e) obbligu li tirrapporta f'ħinijiet speċifiċi lil awtorità speċifika;

(f) obbligu li tevita kuntatt ma' persuni speċifiċi;

(g) obbligu li tevita kuntatt ma' oġġetti speċifiċi, li jkunu ntużaw jew li x'aktarx jintużaw mill-persuna sentenzjata bil-ħsieb li twettaq reat kriminali;

(h) obbligu li tikkumpensa finanzjarjament għall-ħsara kkawżata mir-reat u, jew obbligu li tipprovdi evidenza ta' konformità ma' tali obbligu;

(i) obbligu li twettaq servizz komunitarju;

(j) obbligu li tikkopera ma' uffiċjal tal-*probation* u, jekk ikun meħtieġ, ma' rappreżentant ta' servizz soċjali b'responsabbiltajiet fir-rigward tal-persuni sentenzjati; u

(k) obbligu li jsirilha trattament terapewtiku jew trattament għal xi vizzju.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, meta tkun qed timplimenta din id-Deċiżjoni Qafas, liema sanzjonijiet komunitarji, barra minn dawk imsemmija fis-subartikolu (1), hija lesta tissorvelja. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jagħmel l-informazzjoni li jirċievi disponibbli għall-Istati Membri kollha u għall-Kummissjoni.

Sanzjonijiet komunitarji mibgħuta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta Malta hija l-Istat emittenti.

28. (1) Meta Malta hija l-Istat emittenti, l-awtorità kompetenti għandha, fuq inizjattiva tagħha jew fuq talba tal-persuna sentenzjata, tibgħat sanzjoni komunitarja lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-persuna sentenzjata hija legalment u ordinarjament residenti, f'każijiet fejn il-persuna sentenzjata irritornat jew trid tirritorna f'dak l-Istat:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tagħti l-kunsens tagħha sabiex tintbagħat sanzjoni komunitarja, fuq it-talba tal-persuna sentenzjata, meta l-persuna sentenzjata ma kkommettietx reati sussegwenti u taħt dawk il-kondizzjonijiet li tħoss li huma xierqa li timponi.

(2) Meta, fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti tibgħat sanzjoni komunitarja, għandha tiżgura li din tkun akkumpanjata b'ċertifikat, fil-forma li tiġi preskritta mill-Ministru permezz ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu.

(3) Ladarba l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tkun irrikonoxxiet is-sanzjoni komunitarja li tkun intbagħtitilha u tkun infurmat lill-awtorità kompetenti dwar l-istess rikonoxximent, l-awtorità kompetenti ta' Malta ma għandux ikollha aktar il-kompetenza fir-rigward tas-sorveljanza tas-sanzjoni komunitarja imposta, u lanqas biex tieħu xi deċiżjoniet sussegwenti msemmijin fl-artikolu 31(1).

(4) Il-kompetenza msemmija fis-subartikolu (3) għandha tmur lura għand l-awtorità kompetenti:

(a) hekk kif l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni dwar l-irtirar taċ-ċertifikat imsemmi fis-subartikolu (2), sakemm is-sorveljanza fl-Istat ta' eżekuzzjoni ma tkunx diġà bdiet;

(b) fil-każijiet jew kategoriji ta' każijiet li jiġu speċifikati mill-Istat ta' eżekuzzjoni fejn dan l-Istat jista' jirrifjuta li jassumi r-responsabilità tas-sorveljanza, partikolarment:

(i) f'każijiet relatati ma' sanzjoni alternattiva, fejn is-sentenza ma tkunx waħda ta' kustodja jew fiha xi miżura li tinvolvi ċaħda ta' libertà li għandha tiġi enforzata f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi jew l-istruzzjonijiet konċernati;

(ii) f'każijiet relatati mal-libertà kondizzjonata; u

(iii) f'każijiet fejn is-sentenza tirrigwarda atti li ma jikkostitwixxux reat skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, indipendentement mill-elementi kostitwenti jew mid-deskrizzjoni tiegħu;

(ċ) fil-każijiet fejn il-ġurisdizzjoni tal-Istat ta' eżekuzzjoni tintemm skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 32.

Rikonixximent ta' sanzjonijiet komunitarji fejn Malta hija l-Istat ta' eżekuzzjoni.

29. (1) Fejn Malta hija l-Istat ta' eżekuzzjoni, l-awtorità kompetenti għandha fi żmien sittin jum minn meta tirċievi s-sanzjoni komunitarja, tirrikonoxxi s-sanzjoni komunitarja mibgħuta, u ssegwi l-proċeduri neċessarji msemmija fl-artikolu 28(2), u għandha mingħajr dewmien tieħu dawk il-miżuri neċessarji għas-sorveljanza tas-sanzjoni komunitarja, sakemm ma tiddeċidix li tirrifjuta r-rikonoxximent u s-sorveljanza minħabba r-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 30:

Iżda meta, f'każijiet eċċezzjonali, ma jkunx possibbli għall-awtorità kompetenti li tikkonforma mal-limitu ta' żmien previst fis-subartikolu (1), hija għandha minnufih tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz, waqt li tagħti r-raġunijiet għad-dewmien u tindika kemm bi ħsiebha tieħu żmien biex tagħti deċiżjoni finali.

(2) Meta Malta hija l-Istat ta' eżekuzzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tipposponi d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent tas-sanzjoni komunitarja fis-sitwazzjoni fejn iċ-ċertifikat imsemmi fl-artikolu 28(2) huwa inkomplet jew ma jikkorrispondix mas-sanzjoni komunitarja, sa dik l-iskadenza raġonevoli stabbilita biex iċ-ċertifikat ikun kompletat jew ikkoreġut.

Raġunijiet għar-rifjut ta' rikonoxximent u sorveljanza.

30. Meta Malta hija l-Istat ta' eżekuzzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tiċħad li tirrikonoxxi s-sanzjoni komunitarja u tassumi r-responsabbiltà għas-sorveljanza tas-sanzjonijiet komunitarji skont l-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas jekk:

(a) iċ-ċertifikat imsemmi fl-artikolu 28(2) ma jkunx komplet jew ma jkunx jaqbel manifestament mas-sanzjoni komunitarja u ma jkunx ikkompletat jew ikkorreġut f'terminu raġonevoli stabbilit mill-awtorità kompetenti;

(b) il-kriterji stabbiliti fl-artikolu 28(1) m'humiex sodisfatti;

(ċ) ir-rikonoxximent tas-sanzjoni komunitarja u l-preżunzjoni tar-responsabbiltà għas-sorveljanza tas-sanzjoni komunitarja jmorru kontra l-prinċipju *ne bis in idem*;

(d) is-sentenza tirrigwarda atti li ma jikostitwixxux reat taħt il-liġijiet ta' Malta;

(e) l-infurzar tas-sentenza huwa prekluż bil-preskrizzjoni skont il-liġijiet ta' Malta u jirrigwarda att li jaqa' fil-kompetenza tagħha skont dik il-liġi;

(f) ikun hemm immunità skont il-liġijiet ta' Malta, li tagħmel is-sorveljanza tas-sanzjonijiet komunitarji;

(g) taħt il-liġijiet ta' Malta, il-persuna sentenzjata, minħabba fl-età tagħha, ma tistax tinżamm kriminalment responsabbli għall-atti li fuqhom ingħatat is-sentenza;

(h) is-sentenza ngħatat *in absentia*, sakemm:

(i) iċ-ċertifikat imsemmi fl-artikolu 28(2) jiddikjara li l-persuna kienet ġiet imħarrka personalment jew mgħarrfa permezz ta' rappreżentant kompetenti skont il-liġijiet ta' Malta dwar il-ħin u l-post tal-proċeduri, jew dik il-persuna attwalment irċiviet informazzjoni uffiċjali tal-ħin skedat u l-post tal-proċeduri u kienet mgħarrfa wkoll li deċiżjoni tista' tingħata jekk ma tidhirx għall-proċeduri; jew

(ii) il-persuna kienet tat prokura lil konsulent legali, li kien appuntat mill-persuna konċernata jew mill-iStat, biex jidher minflokha u dak il-konsulent legali kien fil-fatt deher fil-proċeduri; jew

(iii) il-persuna indikat lill-awtorità kompetenti li ma kellhiex intenzjoni li tikkontesta l-imputazzjonijiet miġjuba kontriha; jew

(iv) sussegwentement għad-deċiżjoni, li kienet ser tkun notifikata lilha, il-persuna kkonċernata, wara li kienet mgħarrfa bid-dritt għall-appell jew għar-ritrattazzjoni, iddikjarat espressament illi ma kellhiex l-intenzjoni li tikkontesta d-deċiżjoni jew ma kkontestatx dik id-deċiżjoni fiż-żmien applikabbli;

(i) is-sanzjoni komunitarja tipprovdi għal trattament mediku u, jew terapewtiku li Malta ma tistax tissorvelja minħabba fis-sistema legali jew tal-kura tas-saħħa tagħha;

(j) is-sanzjoni komunitarja hija ta' tul ta' żmien ta' inqas minn sitt xhur; jew

(k) is-sentenza tkun relatata ma' reati kriminali li taħt il-liġijiet ta' Malta huma meqjusa bħala li twettqu kollha kemm huma jew f'parti kbira jew essenzjali fit-territorju tiegħu, jew f'post ekwivalenti għat-territorju tiegħu.

Ġurisdizzjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet kollha sussegwenti u l-liġi regolatorja meta Malta hija l-Istat ta' eżekuzzjoni.

31. (1) Meta Malta hija l-Istat ta' eżekuzzjoni, l-awtorità kompetenti għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tieħu d-deċiżjonijiet sussegwenti kollha relatati ma' sanzjoni komunitarja, b'mod partikolari f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' sanzjoni komunitarja jew jekk il-persuna sentenzjata twettaq reat kriminali ġdid. Tali deċiżjonijiet sussegwenti jistgħu jinkludu:

(a) il-modifika tal-obbligi jew l-istruzzjonijiet li jinsabu fis-sanzjoni komunitarja, jew il-modifika tat-tul ta’ żmien tas-sanzjoni komunitarja;

(b) ir-revoka tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza jew ir-revoka tad-deċiżjoni dwar sanzjoni komunitarja;

(ċ) l-impożizzjoni ta’ sentenza ta’ kustodja jew miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà f’każ ta’ sanzjoni komunitarja.

(2) Jekk in-natura jew it-tul ta’ żmien tas-sanzjoni komunitarja, ikunu inkompatibbli mal-liġijiet ta’ Malta meta Malta hija l-Istat ta’ eżekuzzjoni, l-awtorità kompetenti tista’ tadattahom b’mod konformi man-natura u t-tul ta’ żmien tas-sanzjonijiet komunitarji, li japplikaw, skont il-liġijiet ta’ Malta, għal reati ekwivalenti. Is-sanzjoni komunitarja li ġiet adottata jew it-tul tagħha għandha tikkorrispondi kemm jista’ jkun ma’ dawk imposti fl-Istat emittenti:

Iżda fejn is-sanzjoni komunitarja jew il-perjodu tas-sanzjoni komunitarja tkun ġiet adattata peress li t-tul ta’ żmien tagħha jaqbeż it-tul ta’ żmien massimu previst taħt il-liġijiet ta’ Malta, meta Malta hija l-Istat ta’ eżekuzzjoni, it-tul ta’ żmien tas-sanzjoni komunitarja ma għandux ikun inqas mit-tul ta’ żmien massimu previst għal reati ekwivalenti skont il-liġijiet ta’ Malta:

Iżda wkoll is-sanzjoni komunitarja adattata m’għandiex tkun aktar severa jew itwal mis-sanzjoni komunitarja li ġiet imposta oriġinarjament.

(3) Meta Malta hija l-Istat ta’ eżekuzzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, bid-deċiżjonijiet kollha dwar:

(a) il-modifika tas-sanzjoni komunitarja;

(b) ir-revoka tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza jew ir-revoka tad-deċiżjoni dwar is-sanzjoni komunitarja;

(ċ) infurzar ta’ piena ta’ kustodja jew miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà minħabba fin-nuqqas ta’ konformità mas-sanzjoni komunitarja;

(d) l-iskadenza tas-sanzjoni komunitarja.

(4) Jekk tintalab hekk mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, l-awtorità kompetenti għandha tinformaha dwar it-tul massimu taċ-ċaħda tal-libertà li hija prevista fil-liġijiet nazzjonali ta’ Malta għar-reat, li rriżulta fis-sentenza, u li jista’ jiġi impost fuq il-persuna sentenzjata fil-każ ta’ ksur tas-sanzjoni komunitarja. Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta immedjatament wara li tiġi riċevuta s-sanzjoni komunitarja flimkien maċ-ċertifikat imsemmi fl-artikolu 28(2).

Tmiem tal-ġurisdizzjoni tal-Istat ta’ eżekuzzjoni.

32. (1) Meta Malta hija l-Istat ta’ eżekuzzjoni, jekk il-persuna sentenzjata taħrab jew ma tibqax ikollha residenza legali f’Malta, l-awtorità kompetenti tista’ tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni fir-rigward tas-sorveljanza tad-deċiżjonijiet ulterjuri kollha relatati mas-sentenza lura lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti.

(2) Jekk ikunu qed jittieħdu proċeduri kriminali ġodda kontra l-persuna kkonċernata fl-Istat emittenti, l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti tista’ titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta’ eżekuzzjoni biex tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni fir-rigward tas-sorveljanza tas-sanzjoni komunitarja u fir-rigward tad-deċiżjonijiet ulterjuri kollha relatati mas-sentenza lura lilha.

(3) Meta, fl-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu, il-ġurisdizzjoni tiġi trasferita lura lill-Istat emittenti, l-awtorità kompetenti ta’ dak l-Istat għandha terġa’ tibda tali ġurisdizzjoni. Għas-sorveljanza ulterjuri tas-sanzjonijiet komunitarji, l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tieħu kont tat-tul ta’ żmien u l-grad ta’ konformità mas-sanzjonijiet komunitarji f’Malta, kif ukoll ta’ kull deċiżjoni meħuda minn Malta skont l-artikolu 31(3).

Informazzjoni mill-Istat ta’ eżekuzzjoni fil-każijiet kollha.

33. Meta Malta hija l-Istat ta’ eżekuzzjoni, l-awtorità kompetenti għandha, skont l-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni Qafas, tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, b’kull mezz li jħalli rekord bil-miktub:

(a) dwar it-trasmissjoni tas-sanzjoni komunitarja flimkien maċ-ċertifikat imsemmi fl-artikolu 28(2) lill-awtorità kompetenti responsabbli għar-rikonoxximent tagħha u għat-teħid ta’ miżuri riżultanti għas-sorveljanza tas-sanzjoni komunitarja u meta ma jkollhiex kompetenza biex tirrikonoxxiha u biex tieħu dawk il-miżuri għas-sorveljanza, hija għandha *ex officio*, tibgħatha lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti;

(b) dwar il-fatt li fil-prattika huwa impossibbli li jkunu sorveljati s-sanzjonijiet komunitarji għar-raġuni li, wara t-trasmissjoni tas-sanzjoni komunitarja flimkien maċ-ċertifikat imsemmi fl-artikolu 28(2) lil Malta, il-persuna sentenzjata ma tkunx tista’ tinstab fit-territorju ta’ Malta, f’liema każ ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu għal Malta li tissorvelja s-sanzjoni komunitarja;

(ċ) dwar id-deċiżjoni finali għar-rikonoxximent tas-sanzjoni komunitarja u t-teħid tar-responsabbiltà għas-sorveljanza tas-sanzjoni komunitarja;

(d) dwar kull deċiżjoni li ma tiġix rikonoxxuta s-sanzjoni komunitarja, u li tassumi responsabbiltà għas-sorveljanza tas-sanzjoni komunitarja skont l-artikolu 31(2), flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni;

(e) dwar kull deċiżjoni biex tiġi adattata s-sanzjoni komunitarja skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 31(2), flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni;

(f) dwar kull deċiżjoni dwar amnestija jew maħfra mogħtija mill-Istat emittenti jew mill-Istat ta' eżekuzzjoni li jwasslu biex ma jkunx hemm sorveljanza tas-sanzjoni komunitarja, flimkien, fejn applikabbli, mar-raġunijiet għad-deċiżjoni.

Konsultazzjoni-jiet bejn l-awtoritajiet kompetenti.

34. Fejn u kull meta jinħass li huwa xieraq, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta mal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor, sew jekk ikun l-Istat emittenti jew l-Istat ta' eżekuzzjoni, skont il-każ xi jkun, bil-ħsieb li jiffaċilitaw l-applikazzjoni bla xkiel u effiċjenti tad-Deċiżjoni Qafas.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 235 tad-9 ta'Ġunju, 2010.

MICHAEL FRENDO
*Speaker*

PAULINE ABELA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*